KUNSILL LOKALI **SAN PAWL IL-BAĦAR** LOCAL COUNCIL
**Triq San Pawl, San Pawl il-Baħar, SPB 3418 Malta, Europe**

E-Mail: sanpawlil-bahar.lc@gov.mt, Web Site: www.stpaulsbay-online.com
Tel: 21585888, 21570869/70, Mobile: 99433058/9, Fax: 21583058

Minuti ta' l-Għaxar (10) Laqgħa ta' l-Ewwel Kumitat Amministrattiv Burmarrad li saret nhar l-Erbgħa 8 ta' Gunju, 2011 fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali San Pawl il-Baħar fil-5.30 ta' fil-għaxija.

Il-laqgħa bdiet fis-5.45 ta' filgħaxija.

Il-Membri kienu preżenti kif jidher hawn taħt.

| | Ħin Dħul | Ħin Ħruġ |
|---|---|---|
| Chairperson Raymond Bartolo | 5.30 p.m. | 8.10 p.m. |
| Viċi Chairperson Simone Aquilina | 5.30 p.m. | 8.10 p.m. |
| Membru Peter Abela | 5.40 p.m. | 8.10 p.m. |
| Membru Carmel Hili | 5.45 p.m. | 8.10 p.m. |
| Membru Joseph Mario Hili | 5.30 p.m. | 8.10 p.m. |

Iċ-Chairperson mexxa l-laqgħa tal-Kumitat.

Is-Sindku, il-Perit Graziella Galea u s-Segretarju Eżekuttiv, is-Sur John J. Camilleri, kienu preżenti għal-laqgħa.

**1.00 Qari tal-Minuti tad-Disa' (09) Laqgħa li nżammet nhar il-Erbgħa 4 ta' Mejju, 2011**

1.01 Il-minuti kienu ntbgħatu qabel il-Laqgħa u għalhekk ittieħdu bħala moqrija. Ma saru l-ebda korrezzjonijiet u l-minuti ġew iffirmati.

**2.00 Punti li joħorġu mill-Minuti**

2.01 **Dwar Item 2.04** Dwar il-kurduna fi Triq Papa Ġwanni Pawlu f'Burmarrad, ġie deċiż li titranġa fejn iċċaqalqet il-kurduna, u fuq in-naħa tad-djar minnflok ħamrija, timtela bil-konkos. Iċ-chairperson informa wkoll illi l-ħaddiema tal-IPSL bnew ħajt tal-*bricks* fi Triq id-Dwieli sabiex jiġi evitat il-periklu.

2.02 **Dwar Item 2.06** Is-Segretarju Eżekuttiv ġie mitlub jistaqsi għall-prezz tal-ismijiet tat-toroq.

2.03 **Dwar Item 5.01** Ġie deċiż li l-kuntrattur tal-bankini għandu jirreferri liċ-Chairperson is-Sur Raymond Bartolo dwar xogħol fis-*Service Road* ta' ħdejn l-iScotts Supermarket.

2.04 **Dwar Item 6.01** Ġiet ippreżentata lista ta' spejjeż bil-bilanċ għas-sena li għalqet fil-31 ta' Diċembru, 2010. Xi *items* minn fuq il-lista ma kienux jappartjenu għall-Kumitat Amministrattiv Burmarrad u għaldaqstant kellhom jitnaqqsu. Il-Bilanċ fl-aħħar tas-sena spiċċa b'Euro 10,802.77 u dan l-ammont għandu jiġi trasferit mill-kont *Savings* tal-Kunsill għall-Kont *Savings* ġdid għall-Kumitat Amministrattiv Burmarrad.

2.05 **Dwar Item 7.01** Ġie deċiż li tinkiteb ittra lil Transport Malta dwar it-tindif ta' ġebel u l-ħajt tal-ilqugħ.

2.06 **Dwar Item 7.02** Il-Kumitat ġie infurmat li kienet waslet l-approvazzjoni ta' Transport Malta biex isiru l-*grid lines*.

2.07 **Dwar Item 7.04** Is-Segretarju Eżekuttiv intalab jiċċekkja mal-kuntrattur Adam Bugeja meta ser issir il-bankina ta' quddiem iċ-Ċentru Parrokkjali.

**3.00 Korrispondenza u Komunikazzjonijiet.**

3.01 Ġiet ippreżentata korrispondenza fejn il-MEPA infurmat li ser isir it-tindif f'Wied il-Għasel (limiti ta' Burmarrad).

3.02 Tressqu żewġ talbiet għall-*No Objection* fir-rigward tal-murtali (*Chinese Cakes*) waqt riċevimenti tat-tiġijiet fil-Wardija. Ġie deċiż li tinkiteb ittra lill-propjetarji ta' dawn is-swali fejn jiġu nfurmati li r-residenti tal-Wardija qed joġġezzjonaw għal dan l-inkonvenjent u għalhekk il-ħruq ta' dawn il-murtali ma jkunx aċċettabbli wara l-ħdax ta' filgħaxija. Sadanitant is-Segretarju Eżekuttiv ġie mitlub jiċċekkja d-dispożizzjoni tal-liġi f'dan ir-rigward.

3.03 Il-Viċi Chairperson, is-Sinjura Simone Aquilina oġġezzjonat bis-saħħa kontra li waqt tiġijiet fil-Wardija jiġi permess l-isparar ta dawn il-murtali. Il-Pulizija preżenti waqt it-tieġ għanda/u t/joħroġ ċitazzjonijiet jekk tinkiser il-liġi fir-rigward tal-istorbju wara l-ħin permess, l-ipparkjar ta' vetturi u l-murtali. Dan sabiex tiġi nfurzata l-liġi.

**4.00 Stemma għall-Kumitat Amministrattiv Burmarrad.**

4.01 Daħlu 10 disinji ta' stemmi għall-Kumitat Amministrattiv Burmarrad. Ġie deċiż li kull min ħa sehem jingħata l-ktieb *St. Paul's Bay A Guide* bħala *token.* Il-Kumitat iddeċieda li tnejn, li huma dik bin-nru. 4 ta' Martina Calleja u bin-nru. 5 ta' Darren Camilleri, jintagħżlu sabiex jintbagħtu lid-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali sabiex jiġu studjati mill-espert tal-istemmi u minnhom dan joħloq id-disinn tal-istemma għall-Kumitat Amministrattiv ta' Burmarrad u l-Wardija. Dawn iż-żewġ finalisti għandhom jiġu ppremjati Euro 50 kull wieħed. Ġie maqbul ukoll li tigi proposta l-inkluzjoni tas-siġra taż-żebbuġ flok il-qamħ bħala s-simbolu tal-biedja f'dawn l-irħula.

**5.00 Ħwejjeġ Oħra.**

5.01 Is-Sur Peter Abela semma s-sewqan sfrenat fi Triq id-Dwieli u talab li ssir *sleeping policeman*. Is-Sur Ray Bartolo qal, iżda, illi jidher illi dan l-aħħar dan is-sewqan eċċessiv waqaf. Għanda tibqa tiġi segwita din is-sitwazzjoni. Intant, iċ-Chairperson zied illi ntbgħatet rikjesta lil TM biex f'din it-Triq titwaħħal mera tat-traffiku.

5.02 Il-Membru s-Sur Carmel Hili qal li kien hemm il-bżonn li ssir road calmer fi Triq Ġebel Għazzara l-parti ta' fuq tat-Triq. Rigward il-qsari huwa semma li hemm bżonn jinbidlu tnejn li huma mkissra u jitpoġġew faċċata tal-Panorama Bar fejn diġa hemm tlieta oħra.

5.03 Il-Membru Joseph Mario Hili ssuġġerixxa li ssir pjan tal-lokalita ta' San Pawl il-Baħar li tinkludi l-postijiet kollha ta' interess għat-Turisti u li tinkludi wkoll il-Wardija u Burmarrad. Huwa ġie infurmat illi l-Kunsill Lokali qed jippjana li jippublika 2 pjanti li għandhom jinkludu dak li hu qed jissuġġerixxi.

5.04 Iċ-Chairperson, is-Sur Raymond Bartolo qal li għandhom isiru x-xogħolijiet ta' manutenzjoni li hemm bżonn fil-*playing field* ta' Burmarrad. Huwa qal ukoll illi ser jikkorrispondi bl-imejl ma' min qed fil-kumitat organizzattiv ta' Festa Bdiewa f'Burmarrad 2011 sabiex jibda għaddej ix-xogħol fuqha. Huwa avża wkoll illi t-tender tal-*Gym Equipment* kien ser joħrog fuq is-suq.

5.05 Il-Viċi Chairperson, is-Sinjura Simone Aquilina talbet li jiġu miżbugħa l-linji sofor fil-kantuniera ta' ħdejn Castello Dei Baroni u li dawn jiġu itwal u li jaslu sal-grada li hemm fuq il-post.

**6.00 Għeluq.**

Il-Laqgħa spiċċat fit-8.10 ta' filgħaxija u ġiet aġġornata għall-Erbgħa 27 ta' Lulju 2011.

***Ray Bartolo***
***Chairperson***

***John J. Camilleri***
***Segretarju Eżekuttiv***